MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Numru 777/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Alfred Mallia)
**vs**
**Mary Khadrawi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mary Khadrawwi ta' 38 sena, mart Bashir, bint Nazzareno Camilleri u Josephine nee' Abela mwielda Attard fl-24 ta' Marzu 1966 u residenti gewwa l-fond 134, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 149766(M) talli:-

Gewwa Bormla fl-04 ta' Gunju 2002 u l-erba' snin ta' qabel bhala l-proprjetarja jew konsumatur u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter ta' l-elettriku tal-fond 134, Triq Pietru Pawl Caruana gewwa Bormla, b'mezzi

qarrieqa li bihom wiehed jistgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommettiet serq ta’ dawl elettriku ta’ LM73.74c 4 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta. Liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u dan ai termini ta’ l-artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzata ammettiet l-akkuzi migjuba kontriha.

Rat l-artikoli 261, 263, 270, 326 (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitlou 446 ta’ l-istess ligijiet.

Stante il-kondotta aktarx nadifa ta’ l-akkuzata li hallset l-ammonti imsemmija fl-akkuza ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzata hatja tilliberaha taht il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-kap 446 b’dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1) minn illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta’ din is-sentenza lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------